MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Gunju, 2010

Numru. 227/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**ABDULAZIZ ALI AHMED MOHAMMED**

**Seduta tas-sebgha (7) ta' Gunju, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li **ABDULAZIZ ALI AHMED MOHAMMED** ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Ali u Omm il Hier nee' Sasi, imwieled Gharian Libja nhar is-sebgha ta' Dicembru, 1978 u residenti gewwa 4, Vincenzo Bugeja Street, Hamrun, detentur tal-passaport Libjan li jgib in-numru 286605/W, tressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer fis-sitta (6) ta’ Gunju 2010 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti, fosthom l-istqarrija tal-imputat, fotokopja tal-passaport tieghu kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta. Rat li gie esebit ukoll pakkett zghir kontenenti allegata raza tal-Cannabis.

Rat li ghalkemm l-imputat gie mistoqsi minnha, tramite l-interpretu, jekk riedx avukat, huwa wiegeb fin-negattiv u sostna li ma kellux bzonn t’avukat difensur.

Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha ta’ Gunju 2010, li kien fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni u li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti  fil-kompetenza taghha fuq riferuta, kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-seduta tas-sebgha ta’ Gunju 2010 stess u dan tramite l-interpretu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha ta’ Gunju, 2010, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha ta’ Gunju 2010.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkollabora maghha tul din l-investigazzjoni, kif del resto jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Rat li l-ammont ta' droga Cannabis li nstabet huwa ammont zghir hafna, *de minimis*. Rat li sa fejn taf hi l-imputat huwa *"a first time offender",* ghalkemm ilu hawn Malta hames snin. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma thossx li piena karcerarja effettiva hija l-piena idoneja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8 (1) tal-Kap 101, tiddikjara li qed issib lill-imputat ABDULAZIZ ALI AHMED MOHAMMED hati u <u>tikkundannah xaghrejn prigunerija sospiza ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

**Finalment tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument CSH, u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum, u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn w**

**ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Anthony Joseph Portelli".**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------